Il-firma tad-detentur tal-proċedura jew, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tagħha, jikkomettu ruħhom fir-rigward tad-dettalji kollha li jirrigwardjaw l-operazzjoni tat-tranżitu fl-Unjoni permezz tad-dispożizzjonijiet dwar it-tranżitu tal-Unjoni kif stabbiliti fil-Kodiċi u f'dan ir-Regolament u kif elenkati fit-taqsima B ta' hawn fuq.

F'dak li jirigwardja l-formalitajiet tat-tranżitu tal-Unjoni u l-formalitajiet fid-destinazzjoni, huwa fl-interess ta' kull persuna li tintervjeni fl-operazzjoni li tivverifika l-kontenuti tad-dikjarazzjoni qabel ma tiffirmha u tippreżentha fl-uffiċċju doganali. Partikolarment, kwalunkwe diskrepanza misjuba mill-persuna kkonċernata bejn l-oġġetti li tkun iddikjarat u kwalunkwe dettalji li diġa jkunu miktuba fuq il-formoli użati, għandha mill-ewwel tkun irraportata minn dik il-persuna lejn l-awtorità doganali. F'każi bħal dawn id-dikjarazzjoni għandha imbagħad issir fuq formoli ġodda.

Sakemm it-Titolu III ma jipprovdix mod ieħor, kaxxa li ma tintużax għandha titħalla kompletament vojta.

TITOLU II

DETTALJI LI GĦANDHOM IKUNU MIKTUBA FID-DIVERSI KAXXI

A. FORMALITAJIET DWAR L-ESPORTAZZJONI/RILAXX, ESPORTAZZJONI MILL-ĠDID, ĦAŻNA DOGANALI JEW MANIFATTURA TAĦT SUPERVIŻJONI DOGANALI U TAĦT KONTROLL DOGANALI TA' PRODOTTI SOTTOPOSTI GĦAL RIFUŻJONIJIET TA' ESPORTAZZJONI, IPPROĊESSAR PASSIV, TRANŻITU TAL-UNJONI U/JEW TA' PROVA TAL-ISTATUS DOGANALI TAL-UNJONI TAL-PRODOTTI.

Kaxxa 1: Dikjarazzjoni

Fl-ewwel subdiviżjoni, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

Fit-tieni subdiviżjoni, daħħal it-tip tad-dikjarazzjoni bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

Fit-tielet subdiviżjoni, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

Kaxxa 2: Speditur/Esportatur

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013]. Meta l-ispeditur/l-esportatur ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Għall-iskopijiet ta' dan l-Appendiċi, id-definizzjoni ta' 'esportatur' hija dik mogħtija fil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, 'speditur' tirreferi għall-operatur li jaġixxi bħala esportatur fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 134, tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013].

Daħħal l-isem sħiħ u l-indirizz tal-persuna kkonċernata.

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kelma 'varji' tiddaħħal f'din il-kaxxa, u l-lista ta' spedituri/esportaturi tkun mhemuża mad-dikjarazzjoni.

Kaxxa 3: Formoli

Daħħal in-numru tas-sub-sett b'relazzjoni man-numru totali ta' sub-settijiet ta' formoli u l-formoli ta' tkomplija skont kif użati. Pereżempju, jekk ikun kemm formola ex waħda u żewġ formoli EX/c, daħħal 1/3 fil-formola ex, 2/3 fuq l-ewwel formola EX/c u 3/3 fuq it-tieni formola EX/c.

Meta d-dikjarazzjoni ssir fuq żewġ settijiet ta' erba' kopji minflok wieħed ta' tmien kopji, iż-żewġ settijiet għandhom ikunu ttrattati bħala wieħed għall-iskopijiet li jkunu stabbiliti n-numru tal-formoli.

Kaxxa 4: Listi tat-tagħbija

Daħħal f'figuri n-numru ta' kwalunkwe listi tat-tagħbija li jkunu meħmuża, jew ta' listi deskrittivi kummerċjali meta dawn huma awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

Kaxxa 5: Oġġetti

Daħħal f'figuri n-numru totali ta' oġġetti, iddikjarati mill-persuna kkonċernata, fuq il-formoli kollha u l-formoli ta' tkomplija (jew listi tat-tagħbija jew listi kummerċjali) kif użati. In-numru tal-oġġetti għandu jkun korrespondenti man-numri fil-kaxxi 31 li għandhom jimtlew.

Kaxxa 6: Pakketti totali

Daħħal f'figuri n-numru totali ta' pakketti li jiffurmaw il-kunsinna kkonċernata.

Kaxxa 7: Numru ta' referenza

Din l-entrata tikkonċerna n-numru tar-referenza kummerċjali assenjata mill-persuna kkonċernata għall-kunsinna kkonċernata. Jista' jkollha l-għamla ta' Numru ta' Referenza Uniku tal-Kunsinna (UCR)[13].

Kaxxa 8: Destinatarju

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna(i) li għandhom jirċievu l-oġġetti.

Jekk ikun meħtieġ numru tal-identifikazzjoni, daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013]. Jekk ma jkunx ġie assenjat numru EORI lid-destinatarju, daħħal in-numru mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Fejn ikun meħtieġ numru ta' identifikazzjoni, u d-dikjarazzjoni tkun tinkludi d-dettalji għal dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ kif stipulat fl-Appendiċi A u jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' programm kummerċjali ta' sħubija ta' pajjii terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, dak in-numru ta' identifikazzjoni jista' jieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiz terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. L-istruttura ta' dak in-numru uniku tal-identifikazzjoni tal-pajjiż terz tikkorrispondi mal-istruttura kif speċifikata fil-parti tad-'Dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ' tan-nota ta' spjegazzjoni tal-elementi tad-dejta intitolata 'Speditur' fl-Appendiċi A.

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kelma 'varji' tiddaħħal f'din il-kaxxa, u l-lista ta' destinatarji tkun mhemuża mad-dikjarazzjoni.

Kaxxa 14: Dikjarant/Rappreżentant

[13] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Koperattivi tad-Dwana dwar in-numru ta' referenza uniku (UCR) għall-finijiet tad-Dwana (30 ta' Ġunju 2001).

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissuplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013]. Meta d-dikjarant/rappreżentant ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Daħħal l-isem sħiħ u l-indirizz tal-persuna kkonċernata.

Jekk id-dikjarant u l-esportatur/speditur huma l-istess persuna, daħħal 'esportatur' jew 'speditur'.

Sabiex ikun identifikat id-dikjarant jew l-istatus tar-rappreżentant, uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

Kaxxa 15: Pajjiż tal-ispedizzjoni/esportazzjoni

Fil-kaxxa 15a tal-Kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1 għall-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-mument tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura.

Madankollu, fejn ikun magħruf li l-oġġetti nġabu minn Stat Membru ieħor lejn l-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-mument tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali, indika dan l-Istat Membru l-ieħor, bil-kundizzjoni li

(i) l-oġġetti nġiebu hemm għall-iskop unika tal-esportazzjoni, u

(ii) l-esportatur mhux stabbilit fl-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-mument tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali u

(iii) id-dħul fl-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-mument tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganalima kienx akkwiżizzjoni minn ġewwa l-Unjoni nnifisha ta' oġġetti jew tranżazzjoni meqjusa hekk, kif jissemma fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

Madankollu, fejn l-oġġetti jiġu esportati wara proċedura ta' proċessar attiv, indika l-Istat Membru fejn seħħet l-aħħar attivi ta' pproċessar.

Kaxxa 17: Pajjiż tad-destinazzjoni

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal fil-kaxxa 17a l-aħħar pajjiż tad-destinazzjoni tal-oġġetti li għandhom ikunu esportati skont kif magħruf fil-waqt tal-esportazzjoni.

Kaxxa 18: L-identità jew in-nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport fit-tluq

Daħħal fil-formola l-identità tal-mezzi tat-trasport li fuqhom l-oġġetti huma direttament mgħobija fil-waqt tal-formalitajiet tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu, segwita bin-nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport (jew tal-vettura li tkun il-qawwa ewlenija li tiġbed lill-oħrajn jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport) il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1. Jekk trattur jew trejler b'numri ta' reġistrazzjoni differenti jintuża, daħħal in-numri tar-reġistrazzjoni kemm tat-trattur u wkoll tat-trejler flimkien man-nazzjonalità tat-trattur.

Jiddependi mill-mezzi tat-trasport ikkonċernat, dawn id-dettalji li ġejjin jikonċernaw l-identità li tista' tkun miktiba:

Mezz ta’ trasport	Metodu tal-identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u passaġġi fuq l-ilmijiet interni	Isem tal-bastiment
Trasport bl-ajru	Numru u data tat-titjira (fejn m'hemmx numru tat-titjira, daħħal in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-ajruplan)
Trasport bit-triq	Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport bil-ferrovija	Numru tal-vagun

Madankollu, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' tranżitu fejn l-oġġetti jingarru f'kontejners li jkunu se jiġu ttrasportati bit-triq, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lid-detentur tal-proċedura biex iħalli din il-kaxxa vojta, jekk il-mudell loġistiku fil-punt tat-tluq jista' jxekkel il-forniment tal-identità u n-nazzjonalità fil-mument tal-istabbiliment tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu u fejn l-awtoritajiet doganali jistgħu jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa li tikkonċerna l-mezz ta' traspor tkun se tiddaħħal fil-kaxxa 55 sussegwentement.

Kaxxa 19: Kontejner (Ctr)

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal is-sitwazzjoni preżunta meta tkun maqsuma l-fruntiera esterna tal-Unjoni, ibbażata fuq l-informazzjoni disponibli fil-waqt tat-twettiq tal-formalitajiet tal-esportazzjoni.

Kaxxa 20: Termini tat-twassil

Uża l-kodiċijiet rilevanti u l-intestaturi Unjoni mill-Appendiċi D1, agħti d-dettalji tat-termini tal-kuntratt kummerċjali.

Kaxxa 21: Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal in-nazzjonalità tal-mezzi attivi tat-trasport meta tkun maqsuma l-fruntiera esterna tal-UNjoni, kif magħrufa fil-waqt tat-twettiq tal-formalitajiet.

Fil-każ ta' trasport bejn numru ta' moduli jew jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta' trasport għandu jkun dak li jipprovdi l-irmonk għall-grupp kollu. Per eżempju, fil-każ ta' trakk fuq vapur li jbaħħar fuq l-ibħra, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-vapur. Fil-każ ta' trattur u trejler, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-trattur.

Jiddependi mill-mezzi tat-trasport ikkonċernat, dawn id-dettalji li ġejjin jikonċernaw l-identità li tista' tkun miktiba:

Mezz ta’ trasport	Metodu tal-identifikazzjoni

Trasport bil-baħar u passaġġi fuq l-ilmijiet interni	Isem tal-bastiment
Trasport bl-ajru	Numru u data tat-titjira (fejn m'hemmx numru tat-titjira, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tal-ajruplan)
Trasport bit-triq	Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport bil-ferrovija	Numru tal-vagun

Kaxxa 22: Il-munita u l-ammont totali tal-fattura

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal fl-ewwel subdiviżjoni l-munita li fiha tkun imħejjija l-fattura kummerċjali.

Daħħal fit-tieni subdiviżjoni l-prezz tal-fattura għall-oġġetti kollha ddikjarati.

Kaxxa 23: Ir-rata tal-kambju

Din il-kaxxa fiha r-rata tal-kambju fis-seħħ bejn il-munita tal-fattura u l-munita tal-istat Membru ikkonċernat.

Kaxxa 24: Natura tat-tranżazzjoni

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti mill-Appendiċi D1, daħħal it-tip tat-tranżazzjoni kkonċernata.

Kaxxa 25: Modalità tat-trasport fil-fruntiera

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-modalità tat-trasport li tikkorrespondi għall-mezzi attivi tat-trasport li jkunu mistennija li jintużaw fil-ħruġ mit-territorju doganali mill-Unjoni.

Kaxxa 26: Modalità tat-trasport intern

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-modalità tat-trasport mat-tluq.

Kaxxa 27: Post tat-tagħbija

Uża l-kodiċi meta meħtieġ, daħħal il-post, kif magħruf fil-waqt tat-twettiq tal-formalitajiet, ta' fejn l-oġġetti għandhom ikunu mgħobija fuq il-mezzi attivi tat-trasport li fuqu għandhom jaqsmu l-fruntiera tal-Unjoni.

Kaxxa 29: Uffiċċju tal-ħruġ

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-modalità tat-trasport, daħħal l-uffiċċju doganali li permezz tiegħu huwa maħsub li l-oġġetti għandhom iħallu t-territorju doganali tal-Unjoni.

Kaxxa 30: Post fejn jinsabu l-oġġetti

Daħħal il-post preċiż fejn l-oġġetti jistgħu jiġu eżaminati.

Kaxxa 31: Pakketti u deskrizzjoni tal-oġġetti; Marki u numri – Nru/i tal-kontejner(s) - Numru u tip

Daħħal il-marki, in-numri, il-kwantità u t-tip ta' pakketti jew, fil-każ ta' oġġetti mhux ippakkjati, in-numru ta' tali oġġetti koperti bid-dikjarazzjoni flimkien mad-dettalji meħtieġa għall-identifikazzjoni tagħhom. Id-deskrizzjoni tal-oġġetti tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Meta l-kaxxa 33 Kodiċi tal-Prodott bażiku għandha timtela, id-deskrizzjoni għandha tkun preċiża sabiex tippermetti li l-oġġetti jkunu klassifikati. Din il-kaxxa għandha tinkludi d-dettalji meħtieġa minn xi leġiżlazzjoni speċifika. Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-modalità tat-trasport, daħħal it-tip ta' pakketti.

Jekk jintużaw kontenituri, il-marki tal-identifikazzjoni tagħhom għandhom ukoll ikunu miktuba f'din il-kaxxa.

Kaxxa 32: Numru tal-oġġett

Daħħal in-numru tal-oġġett ikkonċernat fir-rigward tan-numru totali ta' oġġetti ddikjarati fil-formoli jew fil-formoli supplementari użati, kif deskritt fin-nota tal-kaxxa 5.

Kaxxa 33: Kodiċi tal-Prodott bażiku

Daħħal in-numru tal-kodiċi li jikkorrespondi mal-oġġett ikkonċernat, kif deskritt fl-Appendiċi D1.

Kaxxa 34: Kodiċi tal-Pajjiż tal-oriġini

L-operaturi li jimlew il-kaxxa 34a għandhom jużaw il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1 sabiex jiktbu l-pajjiż tal-oriġini, kif definit fit-Titolu II tal-Kodiċi.

Daħħal ir-reġjun tal-kunsinna jew tal-produzzjoni tal-oġġetti f'dan il-każ, fil-kaxxa 34b.

Kaxxa 35: Massa grossa (kg)

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-oġġetti deskritti fil-kaxxa 31 rilevanti. Il-massa grossa hija l-massa aggregata tal-oġġetti fl-ippakkjar tagħhom, eskluži l-kontenituri u l-apparat l-ieħor tat-trasport.

Meta dikjarazzjoni tat-tranżitu tkopri diversi tipi ta' oġġetti, it-total tal-massa grossa teħtieġ biss li timtela fl-ewwel kaxxa 35, il-kumplament tal-kaxxi 35 jitħallew vojta. L-Istati Membri jistgħu jestendu din ir-regola għall-proċeduri kollha msemmija taħt il-kolonni A sa E u G tat-tabella fit-Titolu I, B.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'dan il-mod:

— minn 0.001 sa 0.499: imqarrba 'l isfel lejn l-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: imqarrba ‘fuq lejn l-eqreb kg.

Massa grossa ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala 0.xyz (e.g. 0.654 għal pakkett ta' 654 grammi).

Kaxxa 37: Proċedura

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-proċedura li għaliha l-oġġetti huma iddikjarati.

Kaxxa 38: Massa netta (kg)

Daħħal il-massa netta, espressa f'kilogrammi, tal-oġġetti deskritti fil-kaxxa 31 rilevanti. Il-massa netta hija l-massa tal-oġġett mingħajr kwalunkwe ippakkjar.

Kaxxa 40: Dikjarazzjoni sommarja/Dokument preċedenti

Uża l-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal id-dettalji ta' referenza ta' dokumenti li jippreċedu l-esportazzjoni lejn pajjiż terz/tal-kunsinna lejn Stat Membru.

Meta d-dikjarazzjoni tikkonċerna l-oġġetti esportati mill-ġdid wara r-rilaxx tal-proċedura ta' ħażna doganali f'maħżen doganali tat-tip B, daħħal id-dettalji tar-referenza tad-dikjarazzjoni li ddaħħal l-oġġetti għal dik il-proċedura.

Fil-każ ta' dikjarazzjoni li ddaħħal l-oġġetti għal proċedura tat-tranżitu tal-Unjoni, agħti r-referenza tad-destinazzjoni doganali preċedenti jew tad-dokumenti doganali korrespondenti. Meta, fil-każ ta' proċeduri tat-tranżitu mhux-kompjuterizzati, aktar minn referenza waħda trid tkun inkluża, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-kelma 'varji' tiddaħħal f'din il-kaxxa i lista tar-referenzi kkonċernati takkumpanja d-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Kaxxa 41: Unitajiet supplementari

Meta meħtieġ, daħħal il-kwantità tal-punt f'dan il-każ, espressa fl-unità stabbilita fin-nomenklatura tal-oġġetti.

Kaxxa 44: Informazzjoni addizzjonali/Dokumenti ppreżentati/Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet

Uża l-kodiċijiet rilevanti mill-Appendiċi D1, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regoli speċifiċi applikabli, flimkien mar-referenza tad-dettalji tad-dokumenti ppreżentati bħala appoġġ għad-dikjarazzjoni.

Is-subdiviżjoni 'kodiċi A.I.' (Kodiċi ta' Informazzjoni Addizzjonali) m'għandhiex tintuża.

Meta dikjarazzjoni tal-esporetazzjoni mill-ġdid li tirrilaxxa l-proċedura doganali tkun ippreżentata ma l-uffiċċju doganali apparti milli l-uffiċċju tas-superviżjoni, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-uffiċċju tas-superviżjoni.

Dikjarazzjonijiet magħmula fi Stat Membru li, matul il-perjodu tat-tranżizzjoni għall-introduzzjoni tal-euro, agħti l-opportunità lill-operaturi li jagħżlu għall-użu tal-unità tal-euro għall-istabbeliment tad-dikjarazzjoni doganali tagħhom, għandhom jinkludu f'din il-kaxxa, preferibilment fis-subdiviżjoni fil-qiegħ tal-kantuniera tan-naħa tal-lemin, indikatur tal-unità tal-munita, l-unità nazzjonali jew l-unità euro, kif użata.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dan l-indikatur ikun miktub biss fil-kaxxa 44 għall-ewwel lott ta' oġġetti tad-dikjarazzjoni. F'dan il-każ, l-informazzjoni għandha tkun meqjusa bħala valida għall-partiti tal-oġġetti kollha fid-dikjarazzjoni.

Dan l-indikatur għandu jkun magħmul mill-kodiċi tal-munita iso-alpha-3 (ISO 4217).

Kaxxa 46: Valur statistiku

Daħħal il-valur tal-istatistika kif espress fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita tal-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet tal-esportazzjoni jkunu mwettqa, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ.

Kaxxa 47: Il-kalkolu tat-taxxi

Daħħal il-bażi tat-taxxa kif applikabbli (valur, piż jew oħrajn). Uża, meta meħtieġ, il-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, dawn li ġejjin għandhom ikunu murija fuq kull linja:

— it-tip tat-taxxa (e.g. dazji tas-sisa),

— il-bażi tat-taxxa,

— ir-rata tat-taxxa applikabbli,

— l-ammont tat-taxxa pagabbli,

— il-metodu tal-ħlas magħżul (MP).

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom ikunu espressi fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita tal-Istat Membru ta' fejn il-formalitajiet tal-esportazzjoni jkunu mwettqa.

Kaxxa 48: Ħlas diferit

Daħħal, meta applikabli, id-dettalji tar-referenza tal-awtorizzazzjoni f'dak il-każ; ħlas diferit hawnhekk jirreferi għall-ħlas diferit tad-dazji doganli u tat-taxxa tal-kreditu.

Kaxxa 49: L-identifikazzjoni tal-maħżen

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal id-dettalji tar-referenza tal-maħżen.

Kaxxa 50: Prinċipal

Daħħal l-isem sħiħ (tal-persuna jew kumpanija) u l-indirizz tad-detentur tal-proċedura, flimkien man-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013]. Meta n-numru EORI jkun provdut, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw l-obbligu li jkun provdut l-isem sħiħ (tal-persuna jew tal-kumpanija) u l-indirizz. Meta xieraq, daħħal l-isem sħiħ (persuna jew kumpanija) tar-rappreżentant awtorizzat li jiffirma f'isem id-detentur tal-proċedura.

Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu adottat fir-rigward tal-użu tas-sistemi kompjuterizzati, l-oriġinal tal-firma miktuba bl-idejn tal-persuna kkonċernata għandha tkun mogħtija fuq il-kopja li għandha tibqa fl-uffiċċju tat-tluq. Meta d-detentur tal-proċedura jkun persuna ġuridika, il-firmatarju għandu jżid il-pożizzjoni tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

Għall-operazzjonijiet tal-esportazzjoni, id-dikjarant jew ir-rappreżentant tiegħu jista' jdaħħal l-isem u l-indirizz ta' persuna stabbilita fid-distrett tal-uffiċċju tal-ħruġ li lilu l-kopja 3 tad-dikjarazzjoni kkontrofirmata mill-imsemmi uffiċċju għandha tkun mogħtija.

Kaxxa 51: Maħsuba għall-uffiċċji tat-tranżitu (u tal-pajjiż)

Daħħal il-kodiċi tal-uffiċċju maħsub tad-dħul għal kull pajjiż tat-tranżitu komuni li jkunu se jgħaddu minnu l-oġġetti u tal-uffiċċju tad-dħul li permezz tiegħu l-oġġetti jidħlu mill-ġdid fit-territorju doganali tal-Unjoni wara li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż tat-tranżitu komuni, jew, meta l-kunsinna jkollha tgħaddi minn territorju apparti minn dak tal-Komunità jew ta' pajjiż tat-tranżitu komuni, l-uffiċċju tal-ħruġ li permezz tiegħu it-trasport jitlaq mill-Unjoni u l-uffiċċju tad-dħul li permezz tiegħu jerġa jidħol fl-Unjoni.

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal l-uffiċċji doganali kkonċernati.

Kaxxa 52: Garanzija

Uża l-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal it-tip ta' garanzija jew it-tip ta' eżoneru mill-garanzija għall-operazzjoni kif ukoll, kif xieraq, in-numru tal-ċertifikat tal-garanzija komprensiva, iċ-ċertifikat eżoneru mill-garanzija, jew iċ-ċertifikat tal-garanzija individwali u l-uffiċċju tal-garanzija.

Fejn garanzija komprensiva, eżoneru mill-garanzija jew garanzija individwali ma jkunux validi għal wieħed jew aktar mill-pajjiżi li ġejjin, wara 'mhux valida' żid il-kodiċijiet mill-Appendiċi D1 għall-pajjiż jew pajjiżi kkonċernati:

— partijiet kontraenti li mhumiex fl-UE, għall-Konvenzjonijiet dwar proċedura komuni ta' tranżitu u fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet tal-kummerċ fl-oġġetti,

— Andorra,

— San Marino.

Fejn tintuża garanzija individwali fil-forma ta' depożitu fi flus kontanti jew permezz ta' kupuni, din tkun valida għall-partijiet kontraenti kollha għall-konvenzjonijiet fuq proċedura komuni ta' tranżitu u fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet tal-kummerċ fl-oġġetti.

Kaxxa 53: L-uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, ikteb l-uffiċċju ta' fejn l-oġġetti għandhom ikunu ppreżentati sabiex titlest l-operazzjoni tat-tranżitu tal-Unjoni.

Kaxxa 54: Il-post u d-data, il-firma u l-isem tad-dikjarant jew tar-rappreżentant tiegħu

Daħħal il-post u d-data tat-twettiq tad-dikjarazzjoni.

Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu adottat fir-rigward tal-użu tas-sistemi kompjuterizzati, l-oriġinal tal-firma miktuba bl-idejn tal-persuna kkonċernata għandha tkun mogħtija fuq il-kopja li għandha tibqa fl-uffiċċju tal-esportazzjoni/spedizzjoni, segwita fl-isem sħiħ ta' dik il-persuna. Meta dik il-persuna tkun persuna ġuridika, il-firmatarju għandu jżid il-pożizzjoni tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

B. FORMALITAJIET EN ROUTE

Bejn iż-żmien ta' meta l-oġġetti jħallu l-uffiċċju tal-esportazzjoni u/jew tat-tluq, u ż-żmien ta' meta dawn jaslu fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, ċerti dettalji għandhom mnejn jeħtieġ li jkunu miżjuda fuq il-kopji tal-Dokument Amministrattiv Uniku li jakkompanja l-oġġetti. Dawn id-dettalji jikonċernaw l-operazzjoni tat-trasport u għandhom ikunu miktuba fuq id-dokument fil-korsa tal-operazzjoni mit-trasportatur responsabli għall-mezz tat-trasport li fuq l-oġġetti jkunu direttament ġew mgħobija. Id-dettalji jistgħu jkunu miżjuda b'kitba li tinqara sewwa; f'dan il-każ, il-formula għandha timtela bil-linka u b'ittri kbar.

Dawn id-dettalji, li jidħru biss fuq il-kopji 4 u 5, jikonċernaw dawn il-kaxxi li ġejjin:

— Trażbord: Uża l-kaxxa 55.

Kaxxa 55: Trasbordi

L-ewwel tlett linji ta' din il-kaxxa għandhom ikunu mimlija mit-trasportatur meta, matul l-operazzjoni f'dak il-każ, l-oġġetti huma trażbordati minn mezz wieħed tat-trasport lejn mezz ieħor jew minn kontenitur lejn ieħor.

It-trasportatur ma jistgħax iwettaq tasbord tal-oġġetti mingħajr awtorizzazzjoni bil-quddiem minn għand l-awtoritajiet doganali tal-istat Membru li fit-territoirju tiegħu it-trażbord għandu jseħħ.

Meta dawk l-awtoritajiet jikkonsidraw li l-operazzjoni tat-tranżitu ma tistax tissokkta bil-mod normali, huma għandhom, la darba jkunu ħadu kwalunkwe pasi skont ma jista' jkun meħtieġ, billi jikkontrofirmaw il-kopji 4 u 5 tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

— Inċidenti oħra: Uża l-kaxxa 56.

Kaxxa 56: Inċidenti oħra matul it-trasport

Il-kaxxa għandha timtela b'konformità ma l-obbligi eżistenti permezz tal-proċedura tat-tranżitu tal-Komunità.

B'żieda ma dan, meta l-oġġetti kienu mgħobbija fuq semi-trejler u t-trattur biss jinbidel matul il-vjaġġ (mingħajr ma l-oġġetti jkun mqandla jew trażbordati) daħħal fil-kaxxa n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trattur il-ġdid. F'tali każi, il-kontrofirma minn għand l-awtoritajiet kompetenti ma tkun meħtieġa.

C. FORMALITAJIET GĦAR-RILAXX F'ĊIRKOLAZZJONI ĦIELSA, UŻU AĦĦARI, IPPROĊESSAR ATTIV, AĊĊETTAZZJONI TEMPORANJA U ĦAŻNA DOGANALI

Kaxxa 1: Dikjarazzjoni

Fl-ewwel subdiviżjoni, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

Fit-tieni subdiviżjoni, daħħal it-tip tad-dikjarazzjoni bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

Kaxxa 2: Speditur/Esportatur

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-aħħar bejjiegħ tal-oġġetti qabel l-importazzjoni tagħhom ġewwa l-Unjoni.

Meta numru tal-identifikazzjoni jkun meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-forniment tal-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna kkonċernata.

Jekk ikun meħtieġ numru tal-identifikazzjoni, daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissuplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013]. Jekk ma ġiex assenjat numru EORI lill-ispeditur/esportatur, daħħal in-numru mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kelma 'varji' tiddaħħal f'din il-kaxxa, u l-lista ta' konsennatarji/esportaturi tkun mehmuża mad-dikjarazzjoni.

Kaxxa 3: Formoli

Daħħal in-numru tas-sub-sett b'relazzjoni man-numru totali ta' sub-settijiet ta' formoli u l-formoli ta' tkomplija skont kif użati. Pereżempju, jekk ikun kemm formola IM waħda u żewġ formoli IM/c, daħħal '1/3' fil-formola IM, '2/3' fuq l-ewwel formola IM/c u '3/3' fuq it-tieni formola IM/c.

Kaxxa 4: Listi tat-tagħbija

Daħħal f'figuri n-numru ta' kwalunkwe listi tat-tagħbija li jkunu mehmuża, jew ta' listi deskrittivi kummerċjali meta dawn huma awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

Kaxxa 5: Oġġetti

Daħħal f'figuri n-numru totali ta' oġġetti, iddikjarati mill-persuna kkonċernata, fuq il-formoli kollha u l-formoli ta' tkomplija (jew listi tat-tagħbija jew listi kummerċjali) kif użati. In-numru tal-oġġetti għandu jkun korrespondenti man-numri fil-kaxxi 31 li għandhom jimtlew.

Kaxxa 6: Pakketti totali

Daħħal f'figuri n-numru totali ta' pakketti li jiffurmaw il-kunsinna kkonċernata.

Kaxxa 7: Numru ta' referenza

Din l-entrata tikkonċerna n-numru tar-referenza kummerċjali assenjata mill-persuna kkonċernata għall-kunsinna kkonċernata. Jista' jkollha l-għamla ta' Numru ta' Referenza Uniku tal-Kunsinna (UCR)[14].

Kaxxa 8: Destinatarju

[14] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Koperattivi tad-Dwana dwar in-numru ta' referenza uniku (UCR) għall-finijiet tad-Dwana (30 ta' Ġunju 2001).

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013]. Meta d-destinatarju ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Daħħal l-isem sħiħ u l-indirizz tal-persuna kkonċernata.

Fil-każ tat-tqegħid tal-oġġetti taħt proċedura ta' ħażna doganali f'maħżen privat, daħħal l-isem u l-indirizz sħaħ tad-depożitatur meta dan ma jkunx id-dikjarant.

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kelma 'varji' tiddaħħal f'din il-kaxxa, u l-lista ta' destinatarji tkun mhemuża mad-dikjarazzjoni.

Kaxxa 12: Dettalji tal-valuri

Daħħal f'din il-kaxxa l-informazzjoni dwar il-valur, e.g. referenza għall-awtorizzazzjoni li biha l-awtoritajiet doganali jwarrbu l-ħtieġa li tkun prodotta formola DV1 bħala appoġġ ta' kull dikjarazzjoni jew ta' dettalji jew ta' aġġustamenti.

Kaxxa 14: Dikjarant/Rappreżentant

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tar-[Regolament Delegat (UE) 2015/... li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru. 952/2013]. Meta d-dikjarant/rappreżentant ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Daħħal l-isem sħiħ u l-indirizz tal-persuna kkonċernata.

Jekk id-dikjarant u d-destinatarju huma l-istess persuna, daħħal il-kelma 'destinatarju'.

Sabiex ikun identifikat id-dikjarant jew l-istatus tar-rappreżentant, uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

Kaxxa 15: Pajjiż tal-ispedizzjoni/esportazzjoni

Fil-każ li la tranżazzjoni kummerċjali (eż. bejgħ jew ipproċessar) u lanqas twaqqif li mhux marbut mat-trasport tal-oġġetti ma jkun seħħ f'pajjiż intermedju, fil-kaxxa 15a, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1 għall-pajjiż li minnu ntbagħtu l-oġġetti inizjalment lejn l-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali.

Jekk ikunu seħħew twaqqif jew tranżazzjoni kummerċjali, indika l-aħħar pajjiż intermedju.

Għall-finijiet ta' dan ir-rekwiżit tad-dejta, twaqqif biex tkun tista' seħħ il-konsolidazzjoni tal-oġġetti en-route, għandu jitqies bħala wieħed li hu relatat mat-trasport tal-oġġetti.

Kaxxa 17: Pajjiż tad-destinazzjoni

Fil-kaxxa 17a, il-kodiċi tal-Unjoni mill-Appendiċi D1 kif ġej:

a) Għall-formalitajiet għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera inkluż l-użu finali jew għall-użu domestiku, daħħal il-kodiċi tal-Unjoni għall-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali.

Madankollu, fejn ikun magħruf fil-mument tat-tħejjija tad-dikjarazzjoni doganali, li l-oġġetti jkunu se jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor wara r-rilaxx, daħħal il-kodiċi għal dan l-Istat Membru tal-aħħar.

b) Għall-formalitajiet għall-proċedura ta' proċessar attiv, daħħal il-kodiċi tal-Unjoni għall-Istat Membru li fih saret l-ewwel attività ta' pproċessar.

c) Għall-formalitajiet għall-aċċettazzjoni temporanja, daħħal il-kodiċi tal-Unjoni għall-Istat Membru li fih se jintużaw l-oġġetti għall-ewwel darba.

d) Għall-formalitajiet għall-ħażna doganali, daħħal il-kodiċi tal-Unjoni għall-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali.

Daħħal fil-kaxxa 17b ir-reġjun tad-destinazzjoni tal-oġġetti.

Kaxxa 18: L-identità jew in-nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport mal-wassla

Daħħal l-identità tal-mezzi tat-trasport li fuqu l-oġġetti huma direttament mgħobbija fil-waqt tal-preżentazzjoni fl-uffiċċju doganali ta' fejn il-formalitajiet doganali huma mwettqa. Jekk trattur jew trejler b'numri ta' reġistrazzjoni differenti jintuża, daħħal in-numri tar-reġistrazzjoni kemm tat-trattur u wkoll tal-trejler.

Jiddependi mill-mezzi tat-trasport ikkonċernat, dawn id-dettalji li ġejjin jikonċernaw l-identità li tista' tkun miktiba:

Mezz ta' trasport	Metodu tal-identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u passaġġi fuq l-ilmijiet interni	Isem tal-bastiment
Trasport bl-ajru	Numru u data tat-titjira (fejn m'hemmx numru tat-titjira, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tal-ajruplan)
Trasport bit-triq	Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport bil-ferrovija	Numru tal-vagun

Kaxxa 19: Kontejner (Ctr)

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal is-sitwazzjoni waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Komunità.

Kaxxa 20: Termini tat-twassil

Uża l-kodiċijiet rilevanti u l-intestaturi Unjoni mill-Appendiċi D1, aġħti d-dettalji tat-termini tal-kuntratt kummerċjali.

Kaxxa 21: Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera

Uża l-kodiċi rilevanti Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal in-nazzjonalità tal-mezzi attivi tat-trasport waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Komunità.

Fil-każ ta' trasport bejn numru ta' moduli jew jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta' trasport għandu jkun dak li jipprovdi l-irmonk għall-grupp kollu. Per eżempju, fil-każ ta' trakk fuq vapur li jbaħħar fuq l-ibħra, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-vapur. Fil-każ ta' trattur u trejler, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-trattur.

Kaxxa 22: Il-munita u l-ammont totali tal-fattura

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal fl-ewwel subdiviżjoni l-munita li fiha tkun imħejjija l-fattura kummerċjali.

Daħħal fit-tieni subdiviżjoni l-prezz tal-fattura għall-oġġetti kollha ddikjarati.

Kaxxa 23: Ir-rata tal-kambju

Din il-kaxxa fiha r-rata tal-kambju fis-seħħ bejn il-munita tal-fattura u l-munita tal-istat Membru ikkonċernat.

Kaxxa 24: Natura tat-tranżazzjoni

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti mill-Appendiċi D1, daħħal it-tip tat-tranżazzjoni kkonċernata.

Kaxxa 25: Modalità tat-trasport fil-fruntiera

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-modalità tat-trasport li tikkorrespondi għall-mezzi attivi tat-trasport li bih iddaħħlu l-oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Kaxxa 26: Modalità tat-trasport intern

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-modalità tat-trasport mal-wasla.

Kaxxa 29: Uffiċċju tad-dħul

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal l-uffiċċju doganali li permezz tiegħu l-oġġetti daħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Kaxxa 30: Post fejn jinsabu l-oġġetti

Daħħal il-post preċiż fejn l-oġġetti jistgħu jiġu eżaminati.

Kaxxa 31: Pakketti u deskrizzjoni tal-oġġetti; Marki u n-numri tal-pakketti —

Nru/i tal-kontejner(s) - Numru u tip

Daħħal il-marki, in-numri, il-kwantità u t-tip ta' pakketti jew, fil-każ ta' oġġetti mhux ippakkjati, daħħal in-numru ta' tali oġġetti koperti bid-dikjarazzjoni, flimkien mad-dettalji meħtieġa għall-identifikazzjoni tagħhom. Id-deskrizzjoni tal-oġġetti tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Apparti milli għal oġġetti mhux-tal-tal-Unjoni li jitqiegħdu taħt proċedura ta' ħażna doganali , din id-deskrizzjoni għandha tkun espressa f'termini preċiżi biżżejjed biex l-oġġetti jiġu identifikati u kklassifikati immedjatament u b'mod mhux ambigwu. Din il-kaxxa għandha tinkludi d-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regoli speċifiċi (e.g. VAT, dazju tas-sisa). Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-modalità tat-trasport, daħħal it-tip ta' pakketti.

Jekk jintużaw konteni̇turi, il-marki tal-identifikazzjoni tagħhom għandhom ukoll ikunu miktuba f'din il-kaxxa.

Kaxxa 32: Numru tal-oġġett

Daħħal in-numru tal-oġġett ikkonċernat fir-rigward tan-numru totali ta' oġġetti ddikjarati fil-formoli jew fil-formoli supplementari użati, kif deskritt fin-nota tal-kaxxa 5.

Kaxxa 33: Kodiċi tal-Prodott bażiku

Daħħal in-numru tal-kodiċi li jikkorrespondi mal-oġġett ikkonċernat, kif deskritt fl-Appendiċi D1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal dħul, ta' nomenklatura speċifika li tikkonċerna d-dazju tas-sisa, fil-ħames subdiviżjoni.

Kaxxa 34: Kodiċi tal-Pajjiż tal-oriġini

Fil-kaxxa 34a, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1 għall-pajjiż tal-oriġini, kif definit fit-Titolu II tal-Kodiċi.

Kaxxa 35: Massa grossa (kg)

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-oġġetti deskritti fil-kaxxa 31 rilevanti. Il-massa grossa hija l-massa aggregata tal-oġġetti fl-ippakkjar tagħhom, eskluż l-konteni̇turi u l-apparat l-ieħor tat-trasport.

Meta dikjarazzjoni tkopri diversi tipi ta' oġġetti, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, għal dawk il-proċeduri msemmija taħt il-kolonni H sa J fl-*(ex Titolu I, B)*, il-massa grossa totali tiddaħħal biss fl-ewwel kaxxa 35, il-kumplament tal-kaxxi 35 jitħallew vojta.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'dan il-mod:

— minn 0.001 sa 0.499: imqarrba 'l isfel lejn l-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: imqarrba 'l fuq lejn l-eqreb kg,

massa grossa ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala 0.xyz (e.g. 0.654 għal pakkett ta' 654 grammi).

Kaxxa 36: Preferenza

Din il-kaxxa fiha l-informazzjoni dwar it-tariffa tat-trattament tal-oġġetti. Meta l-użu tagħha jkun hemm provvediment dwaru fil-matriċi tat-Titolu I, it-taqsima B, dan għandu jintuża anki meta l-ebda tariffa ta' trattament preferenzali ma tkun mitluba. Madankollu, din il-kaxxa m'għandhiex tintuża fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li fihom huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KEE u fil-partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex applikabli, jew fil-kuntest ta' kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju meta dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux applikabbli. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1.

F'intervalli regolari, il-Kummissjoni għandha tippubblika, fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-lista tal-kombinazzjonijiet tal-kodiċijiet li jistgħu jintużaw flimkien b'eżempji u noti ta' spjegazzjoni.

Kaxxa 37: Proċedura

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-proċedura li għaliha l-oġġetti huma iddikjarati.

Kaxxa 38: Massa netta (kg)

Daħħal il-massa netta, espressa f'kilogrammi, tal-oġġetti deskritti fil-kaxxa 31 rilevanti. Il-massa netta hija l-massa tal-oġġett mingħajr kwalunkwe ippakkjar.

Kaxxa 39: Kwota

Daħħal in-numru sekwenzjali tal-kwota ta' tariffa li dwarha d-dikjarant ikun japplika.

Kaxxa 40: Dikjarazzjoni sommarja/Dokument preċedenti

Uża l-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal id-dettalji ta' referenza ta' kwalunkwe dikjarazzjoni sommarja użata fl-Istat Membru tal-importazzjoni jew ta' kwalunkwe dokumenti preċedenti.

Kaxxa 41: Unitajiet supplementari

Meta meħtieġ, daħħal il-kwantità tal-punt f'dan il-każ, espressa fl-unità stabbilita fin-nomenklatura tal-oġġetti.

Kaxxa 42: Prezz tal-oġġett

Daħħal il-prezz tal-oġġett ikkonċernat.

Kaxxa 43: Metodu tal-valutazzjoni

Billi tuża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal il-metodu użat għall-valutazzjoni.

Kaxxa 44: Informazzjoni addizzjonali/Dokumenti ppreżentati/Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet

Uża l-kodiċijiet rilevanti mill-Appendiċi D1, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regoli speċifiċi applikabli, flimkien mar-referenza tad-dettalji tad-dokumenti ppreżentati bħala appoġġ għad-dikjarazzjoni.

Is-subdiviżjoni 'kodiċi A.I.' m'għandhiex tintuża.

Meta dikjarazzjoni li ddaħħal l-oġġetti għall-proċedura doganali tkun ippreżentata ma l-uffiċċju doganali apparti milli l-uffiċċju tas-superviżjoni, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-uffiċċju tas-superviżjoni.

Dikjarazzjonijiet magħmula fi Stat Membru li, matul il-perjodu tat-tranżizzjoni għall-introduzzjoni tal-euro, agħti l-opportunità lill-operaturi li jagħżlu għall-użu tal-unità tal-euro għall-istabbeliment tad-dikjarazzjoni doganali tagħhom, għandhom jinkludu f'din il-kaxxa, preferibilment fis-subdiviżjoni fil-qiegħ tal-kantuniera tan-naħa tal-lemin, indikatur tal-unità tal-munita, l-unità nazzjonali jew l-unità euro, kif użata.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dan l-indikatur ikun miktub biss fil-kaxxa 44 għall-ewwel lott ta' oġġetti tad-dikjarazzjoni. F'dan il-każ, l-informazzjoni għandha tkun meqjusa bħala valida għall-partiti tal-oġġetti kollha fid-dikjarazzjoni.

Dan l-indikatur għandu jkun magħmul mill-kodiċi tal-munita iso-alpha-3 (ISO 4217).

Meta l-oġġetti jkunu soġġetti għal provvista li tkun eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni mitluba mill-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE tiddaħħal fil-kaxxa 44 u din tkun tinkludi, meta jintalab minn Stat Membru, prova li l-oġġetti importati huma maħsuba biex jinġarru jew jintbagħtu mill-Istat Membru tal-importazzjoni lejn Stat Membru ieħor.

Kaxxa 45: Aġġustament

Din il-kaxxa fiha informazzjoni dwar kwalunkwe aġġustamenti meta l-ebda formola DV1 ma tkun prodotta bħala appoġġ tad-dikjarazzjoni. Xi ammonti li għandhom ikunu miktuba f'din il-kaxxa għandhom ikunu espressi fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita tal-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet tal-importazzjoni jkunu mwettqa.

Kaxxa 46: Valur statistiku

Daħħal il-valur tal-istatistika kif espress fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita tal-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet tal-importazzjoni jkunu tlestew, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ.

Kaxxa 47: Il-kalkolu tat-taxxi

Daħħal il-bażi tat-taxxa kif applikabbli (valur, piż jew oħrajn). Uża, meta meħtieġ, il-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, dawn li ġejjin għandhom ikunu murija fuq kull linja:

— it-tip tat-taxxa (e.g. dazji tal-importazzjoni, VAT),

— il-bażi tat-taxxa,

— ir-rata tat-taxxa applikabbli,

— l-ammont tat-taxxa pagabbli,

— il-metodu tal-ħlas magħżul (MP).

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom ikunu espressi fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita tal-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet tal-importazzjoni jkunu mwettqa.

Kaxxa 48: Ħlas diferit

Daħħal, meta applikabli, id-dettalji tar-referenza tal-awtorizzazzjoni f'dak il-każ; ħlas diferit hawnhekk jirreferi għall-ħlas diferit tad-dazji doganli u tat-taxxa tal-kreditu.

Kaxxa 49: L-identifikazzjoni tal-maħżen

Uża l-kodiċi rilevanti tal-Unjoni mill-Appendiċi D1, daħħal id-dettalji tar-referenza tal-maħżen.

Kaxxa 54: Il-post u d-data, il-firma u l-isem tad-dikjarant jew tar-rappreżentant tiegħu

Daħħal il-post u d-data tat-twettiq tad-dikjarazzjoni.

Soġġett għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu adottat fir-rigward tal-użu tas-sistemi kompjuterizzati, l-oriġinal tal-firma miktuba bl-idejn tal-persuna kkonċernata għandha tkun mogħtija fuq il-kopja li għandha tibqa fl-uffiċċju tal-importazzjoni, segwita bl-isem sħiħ ta' dik il-persuna. Meta dik il-persuna tkun persuna ġuridika, il-firmatarju għandu jżid il-pożizzjoni tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

TITOLU III

RIMARKI LI JIKKONĊERNAW IL-FORMOLI TA' TKOMPLIJA

(a) Formoli ta' tkomplija għandhom jintużaw biss meta d-dikjarazzjoni tkopri aktar minn punt wieħed (cf. Kaxxa 5). Dawn għandhom ikunu ippreżentati flimkien ma formola IM, EX, EU jew CO.

(b) L-istruzzjonijiet fit-Titoli I u II huma wkoll applikabbli għall-formoli ta' tkomplija.

Madankollu:

— is-simboli ‘IM/c’, ‘EX/c’ jew ‘EU/c’ (jew ‘CO/c’ meta applikabbli) għandhom jiddaħħlu fl-ewwel subdiviżjoni tal-kaxxa 1, dik is-subdiviżjoni għandha titħalla vojta biss meta:

— din il-formola tintuża biss għal tranżitu Unjoni, f'liema każ, skont il-proċedura tat-tranżitu tal-Unjoni applikabbli għal-oġġetti kkonċernati, ‘T1bis’, ‘T2bis’, ‘T2Fbis’ jew ‘T2SMbis’ għandha tiddaħħal fit-tielet subdiviżjoni tal-kaxxa 1,

— il-formola tintuża biss biex tforni prova tal-istatus tal-Komunità tal-oġġetti, f'liema każ, skont l-istatus tal-oġġetti kkonċernati, tiddaħħal ‘T2Lbis’, ‘T2LFbis’ jew ‘T2LSMbis’ fit-tielet subdiviżjoni tal-kaxxa,

— il-kaxxa 2/8 hija fakultattiva għall-Istati Membri u għandu jkun fiha biss l-isem u n-numru tal-identifikazzjoni, jekk rilevanti, tal-persuna kkonċernata,

il-parti 'sommarja' fil-kaxxa 47 tikkonċerna s-sommarju finali tal-punti kollha koperti bil-formoli IM u IM/c, EX u EX/c, EU u EU/c jew CO u CO/c li jintużaw. Għandha għalhekk tintuża biss fuq l-aħħar formoli IM/c, EX/c, EU/c jew CO/c mhemuża ma' document IM, ex, EU jew CO sabiex turi t-total pagabbli skont it-tip ta' taxxa.

C. Jekk jintużaw formoli ta' tkomplija,

— il-kaxxi 31 (Pakketti u deskrizzjoni tal-oġġetti) li ma jkunux intużaw għandhom jinqatgħu sabiex ma jkunux jistgħu jintużaw aktar tard,

— meta t-tielet subdiviżjoni tal-kaxxa 1 ikun fiha s-simbolu T, il-kaxxa 32 (numru tal-punt), 33 (il-kodiċi tal-prodott bażiku), 35 (il-massa grossa (kg)), 38 (il-massa netta (kg)), 40 (Dikjarazzjoni sommarja/dokument preċedenti) u 44 (Informazzjoni addizzjonali, dokumenti pprżentati, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet) tal-ewwel punt tal-oġġetti fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu użati għandhom ikunu maqtgħin barra u l-ewwel kaxxa 31 (Pakketti u deskrizzjoni tal-oġġetti) ta' dan id-dokument ma tistax tintuża sabiex jiddaħħlu l-marki, n-numri, in-numru u t-tip ta' pakketti jew id-deskrizzjoni tal-

oġġetti. Fil-kaxxa 31 ta' dan id-dokument, issir referenza, kif xieraq, għan-numru tal-formoli ta' tkomplija li jkollhom is-simboli rispettivi T1bis, T2bis or T2Fbis.

Appendiċi C2

NOTA TA' SPJEGA DWAR L-UŻU TAD-DIKJARAZZJONIJIET TA' TRANŻITU MILL-ISKAMBJU TAL-MESSAĠĠI STANDARD EDI

(DIKJARAZZJONI TA' TRANŻITU EDI)

TITOLU I

Ġenerali

Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu EDI hija bbażata fuq id-dettalji mdaħħla fil-kaxxi differenti tad-Dokument Amministrattiv Uniku (DAU) kif definit fl-appendiċijiet C1 u D1, flimkien ma', jew minfloku, kodiċi jekk xieraq.

Dan l-Appendiċi fih biss ir-rekwiżiti bażiċi speċjali, li japplikaw meta jitwettqu l-formalitajiet permezz tal-iskambju ta' messaġġi standard EDI. Barra minn hekk, japplikaw il-kodiċijiet addizzjonali ppreżentati fl-Appendiċi D2. L-Appendiċijiet C1 u D1*)* japplikaw għad-dikjarazzjoni ta' tranżitu EDI sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Appendiċi jew l-Appendiċi D2.

L-istruttura dettaljata u l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu EDI jsegwu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li l-awtoritajiet kompetenti jikkomunikaw lid-detentur tal-proċedura sabiex jassiguraw l-iffunzjonar xieraq tas-sistema. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet huma bbażati fuq ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Appendiċi.

Dan l-Appendiċi jiddeskrivi l-istruttura tal-iskambju ta' informazzjoni. Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu hija organizzata fi gruppi ta' dejta, li jkun fihom attributi tad-dejta. L-attributi huma ggruppjati flimkien b'tali mod li jiffurmaw blokki loġiċi koerenti fl-iskop tal-messaġġ. Indentazzjoni ta' grupp tad-dejta tindika li l-grupp tad-dejta jiddependi fuq grupp ta' dejta ta' inċiż iktar baxx.

Meta jkun preżenti, in-numru proprju tal-kaxxa fuq id-DAU huwa nnotat.

It-terminu 'numru' fl-ispjega ta' grupp tad-dejta tindika kemm-il darba il-grupp tad-dejta jista' jintuża fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu.

L-espressjoni 'tip/tul' fl-ispjega ta' attribut tindika r-rekwiżiti għat-tip ta' dejta u t-tul tad-dejta. Il-kodiċijiet għat-tipi ta' dejta huwa kif ġej:

a alfabetika

n numerika

an alfanumerika

In-numru ta' wara l-kodiċi jindika it-tul ta' dejta ammissibbli. Japplika dan li ġej.

Iż-żewġ tikek mhux obbligatorji qabel l-indikatur tat-tul ifissru li d-dejta m'għandhiex tul fiss, imma jista' jkollha numru ta' ċifri, kif speċifikat mill-indikatur tat-tul. Vigola fit-tul tad-dejta tfisser li l-attribut jista' jkollu deċimali, iċ-ċifra qabel il-virgola tindika it-tul totali tal-attribut, iċ-ċifra wara l-virgola tindika n-numru massimu ta' ċifri wara l-punt deċimali.

TITOLU II

Struttura tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu EDI

A. **Tabella tal-gruppi tad-dejta**

OPERAZZJONI TA' TRANŻITU

KUMMERĊJANT Speditur

KUMMERĊJANT destinatarju

OĠĠETT TA' MERKANZIJA

— KUMMERĊJANT Speditur

— KUMMERĊJANT destinatarju

— KONTEJNERS

— KODIĊIJIET SGI

— PAKKETTI

— REFERENZI AMMINISTRATTIVI PREĊEDENTI

— DOKUMENTI/ĊERTIFIKATI PPREŻENTATI

— NOTI SPEĊJALI

UFFIĊĊJU DOGANALI tat-tluq

KUMMERĊJANT detentur tal-proċedura

RAPPREŻENTANT

UFFIĊĊJU DOGANALI ta' tranżitu

UFFIĊĊJU DOGANALI tad-destinazzjoni

KUMMERĊJANT destinatarju awtorizzat

RIŻULTAT TAL-KONTROLL

INFORMAZZJONI TAS-SIĠILLI

— ID TAS-SIĠILLI

GARANZIJA

— REFERENZA TAL-GARANZIJA

